**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransely)**

**Vs**

**Benjamin Zammit Tabona**

Kaz Numru: 16/2017

Illum, 9 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Benjamin Zammit Tabona, ta' 43 sena, iben Anthony u Angela nee' Price, imwieled Attard, fid-29 ta' Marzu, 1973 u residenti 192, Flt 9 Tower Road, Sliema, detentur ta' karta tal-identita' 216473 (M):

Akkuzat talli gewwa tas-Sliema u jew f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin mill-istess Benjamin Zammit Tabona, ukoll jekk fi

zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:

1. Nhar is-06 ta Mejju 2016 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u dan ghad-dannu ta' Carolina Gambin u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1)(b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

2. Ukolli talli fl-istess data u lok ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu lll, Fuq il-Frodi.) ghad-dannu ta' Carolina Gambin u/jew persuni ohra, ai termini ta l-artikolu 309 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

3. Nhar it-23 ta Mejju 2016 u l-24 ta' Mejju 2016 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u dan ghad-dannu ta' Martin Abela u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1)(c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

4. Ukolli talli fl-istess data u lok ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu lll, Fuq il-Frodi.) ghad-dannu ta Martin Abela u/jew persuni ohra, ai termini ta l-artikolu 309 tal-kap9 tal-ligijiet ta Malta;

5. Nhar l-14 ta Gunju 2016 u s-16 ta Gunju 2016 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz,jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi uza haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta′ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta'haddiehor u dan ghad-dannu ta′ Evan Agius u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1)(c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

6. Ukolli talli fl-istess data u lok ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (sub-titolu lll, Fuq il-Frodi.) ghad-dannu ta Evan Agius u/jew persuni ohra, ai termini ta l-artikolu 309 tal-kap9 tal-ligijiet ta Malta;

7. Nhar it-28 ta Gunju 2016 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz,jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b,ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,jew ta, hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′, dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u dan ghad-dannu ta Gaetano Walker u/jew personi ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1)(c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

8. Ukolli talli fl-istess data u lok ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (sub-titolu lll, Fuq il-Frodi.) ghad-dannu ta Gaetano Walker u/jew personi ohra, ai termini ta l-artikolu 309 tal-kaps trt-ligili.t ta Malta.

Ghaldaqstant, filwaqt li nesebixxi kopja ta l-identita ta' l-imputat, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tiegu jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni, ir-raba, s-sitt u tmien imputazzjonijiet inghataw bhala alternattivi ghall-ohrajn.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentament ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti

Filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, ir-raba, s-sitt u tmien imputazzjonijiet, billi dawn inghataw bhala alternattivi ghall-ohrajn, wara li rat l-artikolu 18, 308, 310 (1) (b) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapt 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-arikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Supervizzjoni fil-konfront tal-hati ghal perjodu ta' sentejn.

In oltre bl-applikazzjoni tal-arikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat ghal zmien sentejn millum sabiex jeghleb il-vizzju tal-akohol.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat